

## FR. LOUIS MALLIA MSSP
### Jingħata ‘Ġieħ iż-Żebbuġ’

Id-Data tat-28 t’April hija ferm għażiża għaż-Żebbuġin Għawdxin għaliex fiha jfakkru l-Anniversarju ta’ meta ż-Żebbuġ sar Parroċċa. Din is-sena kien jaħbat t-321 anniversarju. Dan l-avveniment jiġi mfakkar mill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ b’ċerimonja li fiha jingħata ‘**Ġieħ iż-Żebbuġ**’. Din is-sena ‘Ġieħ iż-Żebbuġ’ ingħata lil Fr. Louis Mallia mssp li hu miż-Żebbuġ u li preżentament huwa l-Vigarju Reġjonali tas-Socjetà tagħna f’Malta u President tal-Kunsill Malti tas-Superjuri Reliġjużi Rġiel. Ta’ min jgħid li s-Socjetà tagħna ilha preżenti f’din il-Parroċċa permezz ta’ Dar Stella Maris, li hija wkoll Dar ta’ l-Irtiri għal dawn l-aħħar 45 sena. Nifirħulu u Nawgurawlu.

## Fr Martin Cilia ppublika ktieb ġdid
# Anastasis: L-Ikona tal-Qawmien

Permezz ta’ dan il-ktejjeb Fr.Martin jixtieq jintroduċi t-tifsira profona li għandha Ikona u kif tista’ tkun t’għajnuna fil-mixja spiritwali għax Ikona hija stedina għall-kontemplazzjoni u ddaħħlek f’katekeżi biblika tal-Misteru ta’ Alla. Fr.Martin Cilia, huwa membru tas-Soċjetà Missjunarja ta’ San Pawl u għal dawn snin huwa responsabbli tal-formazzjoni tal-membri l-ġodda tas-Soċjetà tagħna f’Malta. Dan il-ktieb huwa kollu kemm hu bil-kulur u jista’ jkun rigal ideali għal min jixtieq jidħol fid-dinja tal-ikoni.

Kull ktieb jinbiegħ għal prezz ta’ €7 mid-dar ta’ San Ġużepp Santa Venera, minn Radju Marija, u mill-Librerija Preca jew wieħed jibgħat ċekk ta’ €8 fuq dan l-indirizz: Dar Ġużeppi De Piro, Triq il-Bir, Santa Venera, u jirċevih id-dar. Għal iktar informazzjoni ċemplu fuq in-numru 2149 0767.






# Pellegrinaġġ għal Lourdes
## Mit-13 sat-18 ta’ Lulju

Kont bi ħsiebek tmur Lourdes din is-sena,
jew taf lil xi ħadd li jixtieq imur Lourdes?

Ibbukkja magħna u tkun qed tgħin fix-xogħol li tagħmel is-Soċjetà Missjunarja tagħna għat-tkattir ta’ l-Evanġelju. Ser nogħqodu f’waħda mill-isbaħ lukandi li hemm Lourdes “*De Padoue*” ftit passi il’ bogħod mill-grotta.

Għal aktar informazzjoni ċempel lil Fr. Norbert fuq
2144 1917 jew 7926 5968

**L-indirizz tiegħi hu: ‘L-Oratorju’ Triq San Ġiljan, B’Kara, BKR 2806. Tel: 2144 1917 / 7926 5968**

MEJJU 2009 / GĦADD 437
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP




# għalilkom

NEWSPAPER POST
ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB
SOĊJETÀ MISSJUNARJA TÀ SAN PAWL: SANT’AGATA, RABAT, MALTA, TEL: 2145 4503 / STELLA MARIS, ŻEBBUĠ, GOZO, TEL: 2155 1159

## Ftuħ uffiċċjali
# tat-teologat internazzjonali fil-Filippini

Fr Lonnie Borg mssp

Il-jum mistenni wasal. Nhar it-Tlieta, 28 ta’ April, ġewwa Manila, tbierket u nfetħet uffiċjalment id-Dar tal-Formazzjoni tat-teologat internazzjonali fil-Filippini tas-Soċjetà tagħna. Dan seħħ waqt li aħna qegħdin niċċelebraw is-Sena Pawlina u anke meta kienu qiegħdin isiru ġimgħatejn ta’ laqgħat bejn is-Superjur Ġenerali u l-Kunsill tiegħu flimkien mas-Superjuri tar-Reġjuni tas-Soċjetà.

Il-programm beda bil-kant tal-Innu Nazzjonali tal-Filippini. Sar messaġġ ta’ merħba minn Fr Mark Grima mssp, ir-rettur ta’ din id-Dar. Wara dan kellna mument ta’ talb u ringrazzjament lil Alla, għax kif jgħid sew is-salmista, “Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja”. Grupp ta’ tfal mill-Parroċċa tagħna ta’ Santa Katarina li għandna f’Bataan, animaw l-okkażżjoni b’kant sabiħ.

Mument ieħor sabiħ, kien meta ntwera *feature film* qasir ippreparat mil-ĊAM Productions. Dan spjega l-ħajja ta’ Mons. De Piro, il-kariżma missjunarja u anke intervisti ma’ diversi missjunarji tas-Soċjetà li qed jaħdmu f`pajjiżi differenti. Is-Superjur Ġenerali, Fr Bernard Mangion mssp, fid-diskors li għamel, saħaq dwar l-importanza ta’ dan il-mument fl-istorja tas-Soċjetà, l-iskop li għalih saret din id-dar u fl-aħħarnett hu rringrazzja wkoll lid-diversi benefatturi li għenu sabiex dan il-proġett importanti sar reali. Imbagħad huwa fetaħ u bierek il-post flimkien mal-membri tagħna. Għal din l-okkazzjoni konna onorati b’messaġġ mill-Cardinal ta’ Manilla u ieħor minn Nunzju Appostoliku għal Malta.

Numru sabiħ ta’ ħbieb tagħna ġew mistiedna għal din l-okkażżjoni, fosthom ir-reliġjużi maltin li qed jaħdmu fil-Filippini. Fl-aħħarnett, kif hija l-użanza Filippina, kulħadd kien mistieden għall-ikla tal-okkażżjoni. Ta’ min isemmi li wara ġimgħa ta’ xita, il-Mulej tana sema bnazzi sabiex ikompli jsebbaħ l-okkażżjoni.

Din il-ħolma issa saret reali, grazzi għall-ġenerożità tagħkom, benefatturi maltin u oħrajn minn diversi pajjiżi. Nixtiequ aħna minn ġewwa l-Filippini nesprimu l- gratitudni lil Alla u lejkom u nwiegħdukom it-talb tagħna. Fl-aħħarnett, issa li din id-dar qed tilqa żgħażagħ minn postijiet differenti biex isiru missjunarji Pawlini, li huma mill-Perù mill-Pakistan u minn Malta, inħeġġukom sabiex tkomplu titolbu ħalli żgħażagħ oħra jilqgħu s-sejħa missjunarja tal-Mulej, b’hekk ikomplu jwettqu l-ħolma tal-Fundatur Mons. Ġużeppi De Piro. “*Mgħallem niġi warajk kull fejn tmur*”.

**Grazzi ħafna mill-qalb.**



Fr Tony Sciberras mssp
Viċi Postulatur

# Ġużeppi De Piro: L-Imħabba



**Fl-okkażżjoni tal-ewwel ċentinarju tal-ordinazzjoni saċerdotali tal-Fundatur tagħna, Mons Ġ De Piro (15 ta' Marzu 2002), aħna l-MSSPs organizzajna diversi attivitajiet biex jgħamlu l-Qaddej ta' Alla aktar magħruf**



Fost l-oħrajn fis-26 u 27 ta' April tal-istess sena aħna ppreżentajna d-dramm ta' Lino Grech "**Ġużeppi De Piro : Il-Bniedem ta' Kulħadd**". Wara kull *performance* dawk preżenti kienu mitluba biex jagħtu l-impressjonijiet tagħhom dwar il-virtujiet tal-Qaddej ta' Alla. L-aktar virtù li giet innutata kienet bla dubju l-karità jew l-imhabba tieghu. Hawn isfel ingibu dak li jghid il-Qaddej ta' Alla nnifsu dwar il-karità f'wahda mill-priedki tieghu.

### Il-karità toħloq il-ġenna fl-art

*"San Gwann ighid li, 'Alla hu mhabba.' Mela Alla jrid li jissejjah bl-isem ta' karità. Il-karità taghmel mid-dinja genna, ghax l-imhabba ggib lil Alla nnifsu prezenti fid-dinja taghna. Fejn mhemmx hi hemm infern ghax mhemmx Alla.*

*Il-mottiv ghaliex ghandna nghixu l-karità hu ghax din hi r-rieda ta' Alla. San Gwann kien jirrakkomandaha dejjem. Dwaru San Glormu jghid li metaxjieh, San Gwann kien igieghel lil dawk ta' madwaru biex jehduh il-knisja halli jippriedka ftit. 'Uliedi hobbu lil xulxin,' kien kull darba jghidilhom. San Gwann kien jaghmel dejjem l-istess rakkomandazzjoni ghax dan hu kmandament tal-Mulej, u jekk naghmlu biss dan ikun bizzejjed ghalina.*

*Is-Sinjur taghna Gesù Kristu tana dan il-kmandament fic-Cenaklu, wara l-hasil tar-riglejn. U tahulna ghal tlett darbiet:*

(a) "Dan hu l-kmandament tieghi li thobbu lil xuxlin kif habbejtkom jien".
(b) "Dan hu li qieghed nikkmandakom: li thobbu lil xulxin".
(c) "Naghtikom kmandament gdid: li thobbu lil xuxlin".

### "Kif habbejt lilkom jien"

Il-0 Mulej kif habbna? Tbaxxa', sar wiehed minna, sofra l-guh, il-ghatx, il-ghejja, il-faqar u kull forma ta' tbatija … xerred demmu u ta hajtu ghalina.

### Kmandament

'Kmandament gdid naghtikom – minn dan jaghraf kulhadd li intom dixxipli tieghi jekk ikollkom imhabba wiehed ghall-iehor.'

*Dan hu t-testment ta' Alla li ha jmut ghalina. Ahna, min-naha taghna, ser inkunu daqshekk ingrati li ma nghixuhx? L-ewwel insara kienu jghixuh bis-shih. Naqraw fl-Atti tal-Appostli li dawn '… kienu qalb wahda u ruh wahda'."*

# Sirt Naf il-Fundatur!

Mr Antoine Barbara (Swieqi)
Benefattur

**Wasal ix-xahar ta' Mejju. Barra li jfakkarni f'Ommna Marija, iffakkarni ukoll f'Mons. Ġużeppi De Piro, għax kien fit-8 ta' Mejju 1898 festa tal-Madonna ta' Pompei, meta hu iddeċieda li jsir saċerdot**

Xi snin ilu dħalt għall-ewwel darba fid-dar tas-Soċjetà ta' San Pawl, ir-Rabat. Mill-ewwel jum li dħalt ħemm ħassejt il-preżenza ta' xi ħadt qisu jimxi miegħi u f'kull kamra li jien bdejt nidħol. Ma ħaditliex ħafna biex nifhem li l-Fundatur ta' din is-Soċjeta għadu hemm jindokra u jgħin lill-membri kollha tas-Soċjetà li hu tant ħabb.

Qatt ma kont naf ħafna fuq Mons. De Piro iżda maż-żmien ħadt interess speċjali. Kibret tant il-kurżita tiegħi li ħassejt li ridt niftaħ qalbi u nagħmel spazju għal din ir-ruħ li bdiet tħabbatli fuq qalbi. Bla ma kont qatt nistenna sirt naf aktar patrijiet ta' din is-Soċjetà li jaħdmu b'ħerqa kbira fost il-Maltin, kif ukoll oħrajn li qegħdin fil-missjoni. Meta bdejt naqra u nistudja ix-xogħol li jitwettaq mill-missjunarji ta'San Pawl, bdejt nifhem aktar min kien Mons. De Piro u l-iskop nobbli li kellu dan il-bniedem.




Illum inħares lejn is-Soċjetà bħala siġra li telgħet minn żerriegħa żgħira ħafna: siġra li mill-ewwel bdiet tarmi żahar u tagħmel frott bil-kotra! Mons De Piro ħalla warajh Soċjetà ħajja li infirxet mal-erba' rjieħ, mill-Awstralia sal-Kanada, mill-Pakistan sal-Peru u sal-Filippini. Mhux ta' b'xejn li kiber tant l-interess fil-kariżma ta' dan ir-raġel qaddis, hekk li llum qed jintalab miraklu biex tkompli l-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu!

Iżda ngħiduha kif inhi, il-mirakli ilhom ħafna jsiru bl-interċessjoni ta' Mons. De Piro. Mela li tifforma Soċjetà li tinfirex f'tant pajjiżi fi żmien tant qasir mhux miraklu minnu nnifsu? U li dawn il-missjunarji kontinwament jagħmlu tant u tant ġid fil-pajjiżi 'l bogħod minn arthom, bl-interċessjoni tal-fundatur tagħhom, mhux ukoll intervent qaddis? Ma rridux ninsew li l-*Fathers* kull jum jiċċelebraw il-quddiesa, li fiha nnifisha iġeddu l-miraklu tal-Ewkaristija. Għalhekk dan il-Qaddej t'Alla diġa tefa' xita ta' ġrazzji, u mingħajr ma nafu u nifhmu mirakli ukoll!

Mons. De Piro jibqa jispirana bl-eżempju ta' ħajtu u ta' ħidmietu. Huwa żgur għadu jinterċedi kull ħin għalina u għas-Soċjetà li għall-grazzja t'Alla ukoll għandha numru ta' studenti u novizzi li qed jimxu fuq il-passi tiegħu. Ningħaqdu mat-talb tas-Soċjetà u ta' ħafna benefatturi u lajċi biex Alla jippermetti l-intervent neċessarju biex jimxi aktar 'l quddiem il-proċess appostoliku u naraw lil Mons. De Piro vvenerat fuq l-artali.

